**A.L. 99 ta' l-2003**

## ATT DWAR L-ENEMALTA (KAP. 272)

### Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Kurrent Elettriku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 39 ta' l-Att dwar l-Enemalta, l-Enemalta, bl-approvazzjoni tal-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi, u l-Awtiorita' Maltija dwar ir-Riżorsi, għamlet ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Kurrent Elettriku u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-1939 fuq il-Provvista tal-Kurrent Elettriku, hawnhekk iżjed il-quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali."

Titolu.

G.N. 223 tal-1940.

**2.** Fir-regolament 43 tar-regolamenti principali, minflok il-kliem "sub-paragrafu (1) ta' paragrafu (2) tar-Raba' Skjeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti", għandhom jidħlu il-kliem :"sub-paragrafi (ii) ta' Tariffa 1 jew (ii) ta' Tariffa 2 tar-Raba' Skjeda ta' dawn ir-regolamenti jekk il-*meter* prinċipali fil-post tas-sidien jew operaturi jirreġistra f'kWh jew kVAh rispettivament."

Jemenda regolament 43 tar-regolamenti.

**3.** Ir-regolament 44 tar-regolamenti principali, għandu jitħassar

Iħassar ir-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Fit-TARIFFA GĦALL-ĦLAS TA' METER U GĦALL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU GĦAL POSTIJIET KUMMERĊJALI, fit-Tieni Skeda li tinsab fir-regolamenti prinċipali:–

Jemenda t-tieni skeda li tinsab fir-Regolamenti Principali

(a) minnufih wara l-kliem "3ċ7 kull unit." għandu jiżdied dan li ġej:–

"Dawk il-konsumaturi li għandhom servizz li għandu rata ogħla minn 100 *Amp* għal kull *phase* jistgħu jagħżlu li l-konsum tagħhom jitkejjel f'kVAh minflok f'kWh u l-ħlas isir kif ġej:

Ħlas ta' *Meter* Lm 24 kull sena

Għal kull kVAh unit ta' konsum 3ċ4 għal kull kVAh.

Dawk il-konsumaturi li jixtiequ li jħallsu din ir-rata għandom jgħarrfu liċ-*Chairman* permezz ta' proċeduri u formola ordnata mill-Korporazzjoni"; u

(b) minnufih wara l-kliem "3ċ6 għal kull unit.", għandu jiżdied dan li ġej:

"Dawk il-konsumaturi li għandhom servizz li għandu rata ogħla minn 100 Amps għal kull *phase* jistgħu jagħżlu li l-konsum tagħhom jitkejjel f'kVAh minflok f'kWh u l-ħlas isir kif ġej:

Ħlas ta' *Meter* Lm 24 kull sena

Għal kull kVAh unit ta' konsum 3ċ3 għal kull kVAh.

Dawk il-konsumaturi li jixtiequ li jħallsu din ir-rata għandhom jgħarrfu liċ-*Chairman* permezz ta' proċeduri ppreparati u formola ordnata mill-Korporazzjoni.".

Jemenda r-Raba' Skeda li tinsab fir-regolamenti prinċipali.

**5.** Fir-Raba' Skeda tar-regolamenti prinċipali, minflok il-paragrafi 1 u 2 tagħha, għandu jidħol dan li ġej:

"1. "Dawk il-konsumaturi li għandhom servizz li għandu rata ogħla minn 100 *Amp* għal kull *phase* jistgħu jagħżlu li jħallsu waħda minn dawn iż-żewġ rati kif ġejjin:–

(a) Tariffa Numru Wieħed

Il-Konsum tal-Elettriku jitkejjel f'kWh u l-*Maximum Demand* f'kW –

(i) L-ewwel parti tat-tariffa tikkonsisti fi ħlas għall-użu tal-*meter* ta' Lm24 kull sena u li jinkludi l-konsum b'xejn ta' 200 *unit* fit-tieni taqsima ta' din it-tariffa;

(ii) It-tieni taqsima ta' din it-tariffa tkun bir-rata ta' 2ċ8 għal kull *unit* ta' konsum;

(iii) It-tielet taqsima ta' din it-tariffa se tkun bir-rata ta' Lm8 kull sena għal kull kW tal-*maximum demand* li jsir fi kwalunkwe perjodu matul is-sena.

(b) Tariffa Numru Tnejn

Il-Konsum tal-Elettriku jitkejjel f'kVAh u l-*Maximum Demand* f'kVA –

(i) L-ewwel parti tat-tariffa tikkonsisti fi ħlas għall-użu tal-*meter* ta' Lm24 kull sena;

(ii) It-tieni parti tat-tariffa tkun bir-rata ta' 2c6 per kVAh għal kull *unit* ta' konsum;

(iii) It-tielet parti ta' din it-tariffa se tkun bir-rata ta' Lm7.5 kull sena għal kull kVA tal-*maximum demand* li jsir fi kwalunkwe perjodu matul is-sena.

Konsumaturi li huma eliġibbli u li jixtiequ li jħallsu din ir-rata għandhom jgħarrfu liċ-*Chairman* permezz ta' proċeduri u formola ordnata mill-Korporazzjoni.

2. Dawk il-konsumaturi li jużaw il-provvista tal-elettriku primarjament għall-produzzjoni industrijali jew għal servizzi industrijali, u li l-konsum tagħhom jaqbeż il-5,000,000 unit (fil-każ ta' konsumaturi li jagħżlu li jkollhom il-konsum tagħhom imkejjel permezz tal-*Board of Trade units*) jew li jaqbeż il-5,500,000 kVAh *unit* jistgħu jagħżlu li jħallsu waħda minn dawn iż-żewġ rati li ġejjin:

(ċ ) Tariffa Numru Tlieta

Il-Konsum tal-Elettriku jitkejjel f'kWh u l-*maximum demand* f'kVA –

(i) L-ewwel taqsima tat-tariffa se tkun bir-rata ta' 2ċ5 kull kWh għall-konsum li jkun irreġistrat bejn is-6.00 ta' filgħodu u l-10.00 ta' filgħaxija tal-istess ġurnata;

(ii) It-tieni taqsima tat-tariffa se tkun bir-rata ta' 2ċ3 għal kull *unit* ta' kWh għall-konsum irreġistrat bejn l-10.00 ta' filgħaxija u s-6.00 ta' filgħodu tal-għada;

(iii) It-tielet taqsima tat-tariffa se tkun rata ta' Lm6.70 għal kull kVA irreġistrat fi kwalunkwe perjodu matul is-sena.

(d) Tariffa Numru Erbgħa

Il-Konsum tal-Elettriku jitkejjel f'kVAh *units* u l-*maximum demand* f'kVA;

(i) L-ewwel taqsima tat-tariffa se tkun bir-rata ta' 2ċ4 kull kVAh għall-konsum li jkun irreġistrat bejn is-6.00 ta' filgħodu u l-10.00 ta' filgħaxija tal-istess ġurnata;

(ii) It-tieni taqsima tat-tariffa se tkun bir-rata ta' 2ċ2 għal kull *unit* ta' kVAh għall-konsum irreġistrat bejn l-10.00 ta' filgħaxija u s-6.00 ta' filgħodu tal-għada;

(iii) It-tielet taqsima tat-tariffa se tkun bir-rata ta' Lm6.70 għal kull kVA irreġistrat fi kwalunkwe perjodu matul is-sena.

Konsumaturi li huma eliġibbli u li jixtiequ li jħallsu din ir-rata għandhom jgħarrfu liċ-*Chairman* permezz ta' proċeduri u formola ordnati mill-Korporazzjoni.".

**L.N. 99 of 2003**

**ENEMALTA ACT**
**(CAP. 272)**

IN EXERCISE of the powers conferred by article 39 of the Enemalta Act, Enemalta, with the approval of the Minister for Economic Services and the Malta Resources Authority, has made the following regulations:

**1.** The title of these regulations is the Electricity Supply (Amendment) Regulations, 2003 and shall be read and construed as one with the Electricity Supply Regulations, 1939, hereinafter referred to as "the principal regulations".

Citation.

G.N. 223 of 1940.

**2.** In regulation 43 of the principal regulations for the words "sub-paragraph (1) of paragraph (2) of the Fourth Schedule to these regulations", there shall be substituted the words: "sub-paragraph (ii) of Tariff 1 or subparagraph (ii) of Tariff 2 of the Fourth Schedule to these regulations if the main meter of the establishment of the owners or operators registers in kWh or kVAh respectively."

Amends regulation 43 of the principal regulations.

**3.** Regulation 44 of the principal regulations shall be deleted.

Deletes regulation 44 of the principal regulations.

**4.** In the TARIFF FOR METER CHARGE AND FOR THE SUPPLY OF ELECTRICITY TO COMMERCIAL PREMISES in the Second Schedule to the principal regulations:–

Amends the Second Schedule to the principal regulations.

(a) in paragraph (1) thereof, immediately after the words "3c7 per unit", there shall be added the following:–

"Consumers whose service is rated above 100 Amps per phase may choose to have their consumption metered in kVAh rather than kWh and shall be charged at the following rate:

| | |
|---|---|
| Meter Charge | Lm24 per annum |
| For every kVAh unit of consumption | 3c4 per kVAh |

"Consumers who wish to be charged at the above rate are to inform the Chairman in the manner and form prescribed by the Corporation"; and

(b) in paragraph (2) thereof, immediately after the words "3c6 per unit", there shall be added the following:

Consumers whose service is rated above 100 Amps per phase may choose to have their consumption metered in kVAh rather than kWh and shall be charged at the following rate:

| | |
|---|---|
| Meter Charge | Lm24 per annum |
| For every kVAh of consumption | 3c3 per kVAh |

Consumers who wish to be charged at the above rate are to inform the Chairman in the manner and form prescribed by the Corporation."

Amends the Fourth Schedule to the principal regulations.

**5.** In the Fourth Schedule to the principal regulations, for paragraphs 1 and 2 thereof, there shall be substituted the following:–

"1. Consumers whose service is rated above 100 Amps per phase supplied with electricity for use in or for the purposes of industrial premises shall have the option of choosing to be charged on either of the next two following tariffs: -

(a) Tariff One

Electricity consumption will be metered in kWh and Maximum Demand in kW –

(i) The first part of the tariff be a meter charge of Lm24 per annum and will include the free consumption of 200 units in the second part of this tariff;

(ii) The second part of the tariff shall be at the rate of 2c8 per unit of consumption;

(iii) The third part of the tariff shall be at the rate of Lm8 per annum per kW of the Maximum Demand made in any period during the year.

(b) Tariff Two

Electricity consumption shall be metered in kVAh units and Maximum Demand in kVA –

(i) The first part of the tariff shall be a meter charge of Lm24 per annum;

(ii) The second part of the tariff shall be at the rate of 2c6 per kVAh unit of consumption;

(iii) The third part of the tariff shall be at the rate of Lm7.5 per annum per kVA of maximum demand registered in any period during the year.

Consumers who wish to be charged under tariff 2 are to inform the Chairman in the manner and form prescribed by the Corporation.

2. Consumers whose main use of electricity is for industrial production or industrial services, and whose consumption exceeds 5,000,000 units (in the case of consumers who opt for consumption metering in Board of Trade units) or 5,500,000 kVAh units may select to be charged on either of the next two following tariffs:

(c) Tariff Three

Electricity consumption will be metered in kWh and maximum demand in kVA –

(i) The first part of the tariff shall be at the rate of 2c5 per kWh on the consumption registered between 06.00 hours and 22.00 hours of the same day;

(ii) The second part of the tariff shall be at the rate of 2c3 per kWh on the consumption registered between 22.00 hours of one day and 06.00 hours of the following day;

(iii) The third part of the tariff shall be at the rate of Lm 6.70 per kVA registered in any period during the year.

(d) Tariff Four

Electricity consumption will be metered in kVAh units and maximum demand in kVA –

(i) The first part of the tariff shall be at the rate of 2c4 per kVAh on the consumption registered between 06.00 hours and 22.00 hours of the same day;

(ii) The second part of the tariff shall be at the rate of 2c2 per kVAh on the consumption registered

between 22.00 hours and 06.00 hours of the following day;

(iii) The third part of the tariff shall be at the rate of Lm6.70 per kVA of the maximum demand registered in any period during the years.

Eligible customers who wish to be charged under tariff 4 are to inform the Chairman in the manner and form prescribed by the Corporation.”.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – 3, Pjazza Kastilja – *Published by the Department of Information – 3, Castille Place*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern – *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 8c – *Price 8c*